**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Isaac Schembri**

Illum 19 tal-Lulju 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Isaac Schembri ta' 22 sena, iben Joseph u Maria nee' Vella, imwieled Pieta' fil-25 ta' Awwissu, 1991 u residenti fil-fond numru 6 Triq il-Gulepp, Mgarr, detentur ta' karta tal-identita' 425091 (M):

1. Billi huwa akkuzat talli: fis-16 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-11:40 ta' filghodu gewwa dawn il-gzejjer, saq vettura bil-mutur tal-ghamla Mazda, bin-numri ta' registrazzjoni GBN-579 b'manjiera a) traskurata, b) bla kont u c) perikoluza;

2. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq jew, kellu fil-pussess tieghu vettrura bil-mutur tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazzjoni GBN-579, involontarjament ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Arnold Farrugia skond kif iccertifikat minn Dr. Carlo Refalo MD (Reg no 3235) mill -isptar Mater Dei u minn diversi tobba ohra;

3. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti tat-traffiku, waqt li kien qed isuq jew kellu fil-pussess tieghu vettura bil-mutur tal-ghamla Mazda bin-numru ta' registrazz.joni GBN-579, involontarjament ikkaguna hsara fuq vettura bil-mutur tal-ghamla Ducati bin-numru ta' registrazzjoni FBL-6l7 ghad-dannu ta' Grezzju Farrugia u/jew ta' persuna. jew persuni ohra.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita' skont il-ligi, joghgobha tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew jottjeni xi licenzja tas-sewqan ghall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Semghet ix-xhieda

Semghet it-trattazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Dawn il-proceduri jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-16 ta' Dicembru 2012 ghall-habta tal-11.40am bejn vetturi fi Triq il-Buqana, Rabat quddiem J. Micallef Petrol Station bejn vettura tal-marka Mazda Demio registrazzjoni numru GBN 579 misjuqa mill-imputat u l-mutur tal-marka Kawasaki registrazzjoni numru ZZR 139 misjuq minn Arnold Farrugia u l-mutur tal-marka Ducati registrazzjoni numru FBL 617 misjuq minn Grezzju Farrugia .

L-imputat qieghed jigi addebitat bir-reati li involontarjament ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq Arnold Farrugia; bi hsara involontarja ghad-dannu ta' Grezzju Farrugia; kif ukoll, li saq b'manjiera traskurata, bla kont u b'mod perikoluz.

Illi inkwantu ghall-imputazzjonijiet migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[1]**:**

*"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza,*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010

*traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.*

*Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi iuxta allegata et probate. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.*

*Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.*

*Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.*

*L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.*

*In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.*

*L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid* ***Manzini****:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".*

*Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.*

*Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe'*

*tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:*

*"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"*

*Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-*

*1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;*

*2. kkaguna l-mewt ;*

*3. fuq persuna.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-*

*"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew*

*konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal- bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."*

*L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-*

*"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".*

*Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990**, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;*

*u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali).*

*X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara*

*trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)*

*Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota taghha fis-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alfred Mifsud,** il-Qorti sejra taghmel referenza ghal dak li gie enuncjat u t-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** (reckless driving) hu deskritt fis- Subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din t-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu, minhabba l-probabilita ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif wkoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluz** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghal proprjeta taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, l-legislatur pogga s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz."*

*(**vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju, 1950**). "*

*Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali il-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li jissejjah "esprit de voiture". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, jridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.*

Dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali s'intendi meta l-persuna tkun sofriet xi tip ta' ferita u ma tkunx tilfet hajjitha.

Gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Arnold Farrugia[2] xehed li dakinhar tal-incident huwa kien bil-mutur u saq minn Ghajn Tuffieha direzzjoni lejn ir-Rabat. Hu xehed li "F'daqqa wahda harget karozza minn gol-pompa tal-petrol u waqfet". Huwa kien qrib taghha u malli harget habit fiha. Huwa ttiehed l-isptar u ghamel zmien rikoverat u gie operat tlett darbiet. In kontro-ezami xehed li dakinhar tal-incident huwa ma kienx konxju tal-fatt li fejn il-pompa tal-petrol il-linja tat-triq mhiex linja bajda kontinwa. Huwa ma qabilx ma' dak suggerit li l-karozza tal-imputat meta sehh l-impatt kienet wieqfa f'dik il-parti tat-triq fejn hemm *bay* biex idur direzzjoni lejn il-Mosta. Huwa qal li meta l-imputat hareg mill-pompa huwa ma kellux fejn imur ghaliex ghalaqlu t-triq. Huma habtu fuq il-lane tieghu.

Illi inkwantu ghall-griehi sofferti mis-sur Arnold Farrugia gie ppruvat mic-certifikati medici ezebiti, mill-case summary u mill-medical report imhejji minn Mr Massimo Abela li dawn kienu ta' natura gravi *per durata.*

PS 1243 George Polidano[3] xehed li dakinhar tal-incident gie infurmat li kien hemm kollizjoni b'xi feruti. Meta mar fuq il-post sab vettura tal-ghamla GBN 579 ipparkjata thares direzzjoni lejn il-Mosta u sab ukoll zewg muturi mal-art b'persuna Arnold Farrugia li kienet qeghda tigi medikata min-nies tal-ambulanza. Huwa ghamel ir-rapport fejn ha l-verzjonijiet ta' kulhadd u hejja sketch fuq il-post.

F'dawn il-proceduri xehed ukoll Grezzju Farrugia[4] li wkoll kien involut f'dan l-incident. Huwa spjega li kien tiela' bil-mutur direzzjoni lejn ir-Rabat. Kien hemm ukoll persuna ohra (li wara sar jaf li kien Arnold Farrugia) li wkoll kien tiela' bil-mutur tieghu direzzjoni lejn ir-Rabat. Ix-xhud kompla li harget karozza mill-

[2] Seduta tat-23 ta' Frar 2016
[3] Seduta tal-20 ta' April 2016
[4] Seduta tad-9 ta' Mejju 2016

pompa tal-petrol u l-iehor habat mal-karozza. Ix-xhud qal li huwa ma habatx mal-karozza billi rnexxielu jevita li jahbat. Ix-xhud qal li sofra ftit hsara fil-mutur.

L-imputat Isaac Schembri[5] xehed li dakinhar tal-incident kien il-Hadd. Huwa qal li kien hiereg mill-pompa tal-petrol direzzjoni lejn il-Mosta, hares lejn in-naha tal-lemin u n-naha tax-xellug biex jara li kien hemm distanza bizzejjed biex ikun jista' johrog. In-naha direzzjoni tal-Mosta ra li kien hemm zewg karozzi imma kienu ghadhom fil-boghod u allura kellu cans li johrog. Kif hareg fuq il-bay li qeghda quddiem il-pompa tal-petrol, hares lejn id-direzzjoni tal-Mosta u ra mutur qabez zewg karozzi b'velocita' eccessiva u f'dak il-hin ra li lanqas kellu distanza biex ikun jista' jiccaqlaq u b'hekk x'hin kien hiereg lejn id-direzzjoni ghal Mosta dahal go fih il-mutur. Ix-xhud sostna li meta ra l-mutur dan kien qieghed fuq in-naha tad-direzzjoni tal-Mosta ossija n-naha li kien hemm il-bay. Il-karozza tieghu garbet hsarat l-aktar fuq il-bieba ta' wara tan-naha tax-xufier u spiccat total loss. B'referenza ghad-dikjarazzjoni tieghu *a tempo vergine* huwa qal *"Jiena kont hiereg mill-pompa tal-petrol u x'hin harist lejn il-lemin u lejn ix-xellug waqaft fuq l-istop sign, rajt mutur ahmar (nru ta' reg FBL 617) li kien il-boghod li kelli cans bizzejjed biex nohrog u minn warajh qabzu l-mutur il-blue li kien ghaddej b'velocita' eccessiva, u x'hin rajtu gej provajt nitla' fuq il-bankina, imma dahal go fija u ma stajt naghmel xejn".* Fix-xhieda tieghu l-imputat spjega li l-mutur il-blue rah x'hin kien hareg fuq il-bay u allura l-bankina li rrefera ghaliha kienet dik tan-naha tad-direzzjoni tal-Mosta.

L-imputat irrilaxxja wkoll stqarrija[6] b'referenza ghad-dinamika tal-incident qal li huwa kien dahal fil-pompa tal-petrol. Meta imbaghad kien hiereg mill-pompa biex jaqbad direzzjoni lejn il-MOsta, waqaf fuq l-istop sign, ra li ma kien gej hadd, anzi biex ikun preciz ra zewg vetturi fil-boghod li kienu gejjin mid-direzzjoni tal-Mosta lejn ir-Rabat, u hekk kif hareg biex imur ghall-Mosta qabad il-lane tieghu u tfacca mutur ta' kulur blue li kien qabez dawn iz-zewg vetturi u baqa' diehel fil-vettura tieghu. Mistoqsi kif jispjega li ladarba huwa kien diga' dahal fil-lane tieghu kif l-impatt sehh fuq il-genb tal-vettura huwa stqarr li Arnold Farrugia kien fil-lane tieghu u jista' jkun li dak il-hin biex jipprova jiskapulah dawwar l-isteering u mar fuq il-genb tieghu. L-imputat qal li anki huwa pprova jdawwar fuq ix-xellug tieghu u cioe' lejn il-bankina biex jiskapulah.

Xehed ukoll Richard John Farrar[7] li dakinhar tal-incident kien ukoll mela l-vettura tieghu mill-pompa tal-petrol u kien qieghed jaghmel il-vacuum tal-karozza u ghalhekk kien qieghed ihares lejn it-triq. Huwa xehed li ra karozza ta' marka Mazda misjuqa mill-imputat li kienet se tohrog mill-pompa tal-petrol. Karozza li kienet qeghda tinstaq fid-direzzjoni 'l fuq u xeghlet id-dwal biex tindika li l-

[5] Seduta tat-23 ta' Jannar 2017
[6] Dok RV 5 a fol 49 tal-process
[7] Seduta tal-1 ta' Marzu 2017

imputat seta' johrog. Hekk kif il-karozza harget tfacca mutur minn imkien li qabez il-vetturi l-ohra u baqa' diehel fuq wara tal-karozza tal-imputat. Meta sehh l-impatt il-Mazda kien diga' attwalment fuq in-naha tal-lemin tat-triq direzzjoni lejn il-Mosta u l-mutur tant gie b'velocita' li wiehed ma setax jara l-mutur. Imbaghad kien hemm impatt iehor mill-mutur l-iehor mal-mutur li habat fil-karozza.

Wara li saret referenza ghall-provi prodotti u ghall-insenjamenti fuq riportati jehtieg li tigi stabilita d-dinamika tal-incident inkwistjoni. Irrizulta li l-imputat ried johrog minn J. Micallef Petrol Station u kellu bzonn imur direzzjoni lejn il-Mosta. Faccata tal-pompa tal-petrol hemm *bay* sabiex xufier jista' jieqaf fiha biex ikun jista' jaqbad il-karreggjata li taghti direzzjoni lejn il-Mosta. Il-presenza ta' tali *bay* tirrizulta ppruvata kemm mill-google maps ezebiti kif ukoll mir-ritratti ezebiti. L-isketch redatt mis-surgent inkwantu tali *bay* ma gietx indikata huwa ghalhekk zbaljat.

Hekk kif xehed ix-xhud, indipendenti mill-partijiet, John Farrar, meta l-imputat kien se johrog mill-pompa tal-petrol kien hemm karozza li fflikjat id-dwal biex johrog u huwa kien dirett ghall-karreggjata l-ohra. L-imputat anki *a tempo vergine* rrilaxxja d-dikjarazzjoni tieghu u qal li hares lejn il-lemin u lejn ix-xellug meta kien se johrog mill-pompa tal-petrol. Meta xehed *viva voce* l-imputat spjega li huwa ra li kien hemm karozzi li kienu 'l boghod u ra anki mutur ahmar li kien ghadu 'l boghod. Kemm l-imputat kif ukoll John Farrar jixhdu li l-mutur li rrizulta misjuq minn Arnold Farrugia kien qieghed jinsaq b'velocita' eccessiva. Mir-ritratti ezebiti jirrizulta li l-karozza tal-imputat spiccat fil-kareggjata direzzjoni lejn il-Mosta vicin il-bankina bi hsara li garrbet kienet l-aktar fuq il-bieba ta' wara tax-xufier. L-imputat *a tempo vergine* qal li huwa pprova jiskapulah billi jitla' l-bankina li hija l-bankina li qeghda fil-karreggjata direzzjoni lejn il-Mosta. Il-parte leza xehed li huwa ma kienx jaf fid-data tal-incident li mill-pompa tal-petrol wiehed seta' jikser direzzjoni lejn il-Mosta. Dan l-assjem tal-provi jwassal lill-Qorti tikkonkludi li s-sewwieq tal-mutur li ghamel manuvra ta' surpass fuq iz-zewg karozzi fil-fatt kien huwa li dahal fil-vettura tal-imputat billi ma stenniex li l-imputat seta' jikser lejn il-Mosta u li l-imputat fil-fatt ma jistax jinstab hati li b'xi mod ma zammx *a proper look out* jew li kellu xi nuqqas fis-sewqan tieghu ghaliex mhux talli kif kien obbligat li jaghmel zamm *a proper look out* meta hareg mill-pompa tal-petrol izda anki meta kien fuq il-*bay* ma qabadx u hareg u ghalhekk din il-Qorti ma ssibx li kien hemm xi sewqan traskurat, perikoluz jew bla kont min-naha tal-imputat. Ghaldaqstant l-imputat se jigi liberat mill-ewwel zewt imputazzjonijiet ladarba ma giex ravvizat xi nuqqas fis-sewqan tieghu.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni din il-Qorti lanqas ma ssib lill-imputat hati ta' din l-imputazzjoni mhux biss ghaliex ma giex ippruvat xi nuqqas fis-sewqan tieghu izda wkoll ghaliex lanqas prova ta' xi hsarat sofferti ma gew prodotti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**Dr Josette Demicoli LL.D**

**Magistrat**